Ref Nru 5

Il-minuti tal-hames laqgha tas-seba` leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar il-Gimgha 11 ta' Settembru 2015, fis-6:00 ta' filghaxija fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Karl Buttigieg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur: | Christoph Caruana |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tat-tieni u tat-tielet laqghat.**

2.1 Peress li l-minuti tat-tieni u tat-tielet laqghat tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 EAFRD – Mizura 413.4.**

3.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni fuq ix-xoghlijiet li ser isiru fil-progett tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa. Huwa semma li s'issa tlestiet il-gibja. Ir-*railing* ezistenti mhux ser jinbidel izda ser jittranga u dan sabiex ma jkunx hemm periklu ghan-nies kif ukoll fl-istess hin jigu ffrankati l-flus. Is-Sindku semma li huwa attenda l-*bilaterial meeting* dwar dan il-progett. *Lot 2* tal-*bill of quantities* ta' l-offerta ghal Kostruzzjoni ta' Ilqugh tal-ilma u Rinnovazzjoni tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa, Qala ta' Xerri's Landscaping Co. Ltd. ma gietx accettata minhabba l-*variations* li kien hemm u ghalhekk il-Kunsill ser ikollu jerga johrog sejha ghall-offerti. Huwa semma li ser jitnehhew xi specifikazzjonijiet u li ghandu jigi mitlub estenzjoni sabiex isir dan il-progett sal-31 t'Ottubru 2015. Gie deciz ukoll li peress li l-Kunsill hu maghfus bil-zmien ghandha jsir talba lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex id-data tal-eghluq tal-offerta tkun dik ta' hmistax. Huwa semma li l-Kunsill ghandu jahtar bord li jkun jikkonsisti fil-membri kollha tal-Kunsill u l-Periti ta' William Lewis.

## 4 *Qala International Folk Festival 2015* – l-ghaxar edizzjoni.

4.1 Is-Sindku semma li ser jingabu zewg gruppi folkloritici barranin. Il-Pollakki kkonfermati u gejjien mill-Erbgha 16 sal-Erbgha 23 ta' Settembru 2015 u t-Taljani gejjien mill-Gimgha 18 sal-Hadd 20 ta' Settembru 2015.

## 5 *Traffic Management* fi Pjazza San Guzepp.

5.1 Is-Sindku semma li sidien ta' xi ristoranti pproponew sabiex Pjazza San Guzepp isir *one way* jigifieri l-vetturi jinzlu minn Triq San Guzepp u jghaddu l-fuq minn Triq in-Nadur. Il-Kunsill iddiskuta li dan l-arrangament tat-traffiku jista` jsir bejn nofs Gunju u l-ahhar ta' Settembru ghall-vettura kollha barra s-servizz pubbliku. Gie diskuss ukoll li jkun hemm imbaghad in-nies li jigu l-knisja u li dan l-arrangament jista` jsir ukoll bil-hin. Il-Kunsill iddecida li jara ftit.

## 6 *Seminar* fl-Italja f'Ottubru 2015.

6.1 Is-Sindku semma li ser ikun hemm *seminar* fl-Italja f'Ottubru 2015 tal-*European Cities Against Drugs* u li minn jrid imur jista` jaghmel dan.

## 7 Korrispondenza.

7.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

7.2 Zewg *memos* 18/2015 u 19/2015 mibghuta mid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali Carmel Abela. *Memo* 18/2015 dwar l-att dwar ir-responsabbilta` fiskali (Kap 534) u *Memo* 19/2015 dwar hinijiet ta' gbir ta' skart mill-Kunsilli Lokali, kif ukoll ir-risposta mibghuta mill-Kunsill dwar dan.

7.3 Ittra mibghuta minn Vincent Borg mill-HSBC dwar HSBC Malta Staff Triathlon, fejn talbu n-*no objection* tal-Kunsill. Giet trattata wkoll ir-risposta tal-Kunsill li ma jsibx oggezzjoni.

7.4 Ittra mibghuta minn Joseph Mizzi *assistant* u *interviewer* mill-*Ministry of Home Affairs and National Security* dwar il-Progett Post 16 Support Programme. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva.

7.5 Ittra mibghuta mis-Segretarju Ezekuttiv George Refalo mir-Regjun Ghawdex dwar progett fuq l-gholja ta' Ghammar.

7.6 Ittra mibghuta mill-Avukat Dr Chris Said li kiteb ghan-nom ta' Angela Curmi ta' 'Xewqitna', Triq il-Qala, Qala, dwar bozza li twahhlet mal-faccata tal-propjeta` taghha. Il-Kunsill iddecida li ghandu jara ezatt fejn twahhlet din il-bozza.

7.7 Notifika t'avviz mibghuta minn Louise Cremona ghad-Direttur ta' l-Infurzar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenza EC/00156/15, fejn b'din l-istess notifika

nformat lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avviz ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

Gew diskussi xi materji ohra:

Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lit-Trasport Malta dwar triq fi Triq il-Barbagann sabiex isir *resurfacing* bil-konkos mis-*savings* li kien qed fadal mill-fondi tal-EAFRD – mizura 125.

Gew mibghuta zewg ittri mill-Kunsill lill-Prim Ministru ta' Malta l-Onor. Dr. Joseph Muscat u lill-Ministru ghal Ghawdex l-Onor. Dr Anton Refalo, dwar il-propost progett fl-*area* ta' Wied Simar. Il-Kunsill ircieva risposta minghand il-Prim Ministru fejn informa lill-Kunsill li meta jsiru xi tip ta' konsultazzjonijiet il-Kunsill ser ikun informat minghand il-gvern meta jinbeda dan il-process.

Is-Sindku semma li nbnew xi hitan tas-sajjieh fi Triq Wied Simar fejn sar ix-xoghol tar-*resurfacing* bil-konkos. Huwa semma li sabiex ikun b'sahhtu l-hajt ser isir il-konkos fuqu u wara jsir xi ftit sajjieh.

Is-Sindku semma li fi Triq ta' Semper gew mibnija zewg binijiet u dawn dahlu ftit 'l gewwa mit-triq u talbu sabiex isir il-konkos quddiem il-propjeta` taghhom. Il-Kunsill iddiskuta li dan ix-xoghol huwa responsabbli d-Dipartiment tar-*roads* ghalih. Ghalhekk il-Kunsill iddecida li ghandhom jigu kkuntatjati tar-*roads* dwar dan.

Is-Sindku semma li nharget sejha ghall-offerti ghas-servizz tal-*bulky refuse.*

Il-Kunsillier Jesmond Borg semma li jrid jigi nominat Ambaxxatur Lokali taz-Zghazagh iehor peress li Christoph Caruana ghalaq it-tmintax -il sena. Il-Kunsill iddecida li ghandu jahseb ftit lil min jista` jaghzel.

Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-22 ta' Lulju 2015 sal-11 ta' Settembru 2015 minn referenza numru 161/15 sa referenza numru 197/15 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 72/15 sa referenza numru 103/15 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-hlasijiet bir-referenzi SP 6/2015, SP 7/2015, SP 8/2015, SP 9/2015 u SP 10/2015 Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

Fl-ahhar laqgha kien gie deciz illi tigi diskussa l-ittra li rcieva l-Kunsill dwar il-permess ghal *kiosk* ezistenti f'Hondoq ir-Rummien. Is-Sindku semma li ghandu jinghata *no objection* sakemm jkollu l-permessi kollha mehtiega. Il-Vici Sindku semma li l-ewwel ghandu jnehhi l-affarijiet u ingenji li ghandu f'Hondoq imbaghad ghandu jinghata *no objection*. Huwa semma li persuna li thajjret sabiex tinzel b' *kiosk* f'Hondoq ma hallewx ghax qalu li ser jghatti l-veduta mentri sid il-*kiosk* ezistenti qed jghatti l-veduta bit-trukk li ghandu pparkjat faccata tal-*kiosk* tieghu. Wara diskussjoni sar qbil li jinghata n-*no objection* diment ma jikser ebda ligi ohra. Gie deciz li l-ittra ghandha tigi mibghuta lill-pulizija, l-Awtorita` tat-Turizmu Malta, t-Transport Malta u l-MEPA.

Is-Sindku semma li l-*Paying Agency* qed isibu problema dwar il-*Management fee* tal-Perit Edward Scerri fuq il-progett ta' *Heritage Trail* li qed isir mill-fondi tal-EAFRD – mizura 313, peress li ma kinitx inharget sejha ghall-offerta ghal dan is-servizz. Izda l-Kunsill kien mexxa ma kif kienu informawh tal-*Paying Agency* stess, li kien sabiex isir *line item* fil-*bill of quantities* tal-offerta bl-ammont lest u l-Kunsill hekk kien ghamel. Is-Sindku semma wkoll li l-Perit qed jitlob sabiex jithallas ta' dak il-kont dwar il-progett *extra* tal-Pjazza li kien gie diskuss fl-ahhar laqgha tal-Kunsill. Il-Kunsill rega ddiskuta dan il-kont. Is-Segretarja spejgat li l-percentagg tal-*management fee* f'dan il-kont huwa ikkalkulat fuq *savings* li kien hemm mill-fondi tal-mizura 313 u li l-Perit kien diga` ha *management fee* fuq dawn l-istess fondi meta kien ghad m'hemmx *savings*. Ghalhekk il-Kunsill iddecida li ghandu jithallas tal-pjanti u l-applikazzjoni tal-MEPA li saru ghal progett tal-Pjazza peress li dawn saru *extra* ghax il-progett tal-pjazza ma kienx mdahhal fil-*heritage trail* kif ukoll ghandu jithallas *management fee* fuq xoghol li ma kienx kopert mill-fondi tal-mizura 313; jigifieri xoghol li thallas mill-fondi tal-Kunsill.

Il-Vici Sindku ippropona li ghandhom isiru l-korsijiet fuq il-pjanti u s-sigar. Il-Kunsill qabel ma dan.

Il-Vici Sindku ssuggerixxa li ghandha jsir talba lill-Ministeru ghal Ghawdex biex jaghtu lill-Kunsill il-katusi ghar-*rising main.*

Il-laqgha ntemmet fit-7:30 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 16 ta' Ottubru 2015.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |